MALTA

TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR DR. ANNA MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha l-01 ta' Lulju, 2016.**

Talba Numru: 888/2015AM3

Numru fuq il-Lista: 14

**Condominium Services Limited (C- 39139)**
**33, Triq Depiro Sliema, bhala Amministratur tal-Condominum**
**52, Tudor Apartments**
**Sir Arturo Mercieca Street,**
**Sliema u b'digriet ta' dan it-Tribunal ta' nhar l-01 ta' Lulju, 2016 l-indirizz "52, Tudor Apartments, Sir Arturo Mercieca Street, Sliema" qed jigi mhassar u sostitwit bl-indirizz "298, Hampton Place, Naxxar Road, Birkirkara."**

**Vs**

**Steve Sammut (K.I 276597 M)**
**298, Hampton Place,**
**Apartment 9, Naxxar Road,**
**Birkirkara**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi, pprezentat fis-17 ta' Novembru, 2015, li permezz tieghu s-Socjeta` attrici talbet il-hlas minghand il-konvenut ta' tmien mija u tmienja u ghoxrin Ewro u erbgha' u sittin centezimu (€828.64c) rapprezentant in kwantu ghal mitejn u

hamsin Ewro (€250) kontribuzzjoni tal-konvenut ghas-sena elfejn u tnax/elfejn u tlettax, in kwantu ghal mitejn u sebgha u sittin Ewro (€267) kontribuzzjoni tal-konvenut ghas-sena 2013/2014, in kwantu ghal mitejn u sebgha u sittin Ewro (€267) kontribuzzjoni tal-konvenut ghas-sena 2014/2015 u in kwantu ghal hamsa u tlettin Ewro u erbgha u sittin Ewro centezmu (€35.64c) kontribuzzjoni tal-konvenut ghal-lift kollha in konnessjoni mal-condominium Hampton Place, Naxxar Road, Birkirkara

Ra li mill-atti li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-Avviz tas-Seduta, l-konvenut ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal u ghalhekk jirrizulta mill-atti li l-konvenut baqa' kontumaci.

Ra illi s-Socjeta' attrici prezentat kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu atti Nutar Dottor Anton Borg tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar, tas-sena elfejn u sittax (2016) li permezz tieghu l-konvenut ikkostitwixxa ruhu bhala debitur tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' elf mitejn u sitta u tletin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€1,236.42c) liema somma skont l-istess kuntratt a fol 11 et tikkonsisti f'dan li gej:

1. Tmien mija u tmienja u ghoxrin ewro u erbgha u sittin centezmu (€828.64c) bhala kontribuzzjonijiet dovuti ghas-snin mis-sena elfejn u tnax (2012) sas-sena elfejn u hmistax (2015);
2. Mija u tmienja u disghin ewro u disghin centezmu (€198.90c) bhala imghax dovuti ghas-snin mis-sena elfejn u tnax (2012) sas-sena elfejn u hmistax (2015);
3. Mitejn u tmin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€208.88c) bhala spejjez legali u gudizzjari maghmula mis-Socjeta' attrici.

Illi dwar l-imghax l-partijiet ftehmu fl-istess kuntratt li l-imghaxijiet dovuti ghas-snin mis-sena elfejn u tnax (2012) sas-sena elfejn u hmistax (2015) huma ta' mija ta' tmienja u disghin ewro u disghin centezmu (€198.20c)

**Decide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jilqa` t-talba tas-Socjeta' attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-Soċjeta` attriċi s-somma ta' tmien mija u tmienja u ghoxrin ewro u erbgha u sittin centezmu (€828.64c) oltre l-imghax kif miftiehem bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu hawn fuq imsemmi fl-ammont ta' mija u tmienja u disghin ewro u disghin centezmu (€198.90c) ghas-snin elfejn u tnax (2012) sas-sena elfejn u hmistax (2015) u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut kemm il-darba l-konvenut ma jonorax it-terminu tal-kuntratt hawn fuq imsemmi.

L-ispejjeż, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Gudikatur**